MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 66/1999/3

**Tabone Computer Centre Ltd.**

**v.**

**Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili**
**u l-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

**B'citazzjoni** pprezentata fit-12 ta' Jannar, 1999 is-socjeta` attrici talbet li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili:-

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-VSAT (*Very Small Aperture Terminals)* – konsistenti f'*satellite transmitter & receiver equipment for data/I.P.* kif ukoll *dish/aerial* relattiv li hi mpurtat huma konformi ma' dak li gie dikjarat fil-licenzja ta' importazzjoni u

2. tikkundanna konsegwentement lill-istess konvenut, l-Kontrollur tad-Dwana, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jirrilaxxja l-apparat fuq imsemmi lill-attur billi dan ghandu dritt jimportah u juzah skond il-ligi u skond il-licenzja fil-pussess tieghu;

3. tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba l-inadempjenza taghhom.

Talbet ukoll l-ispejjez u rriservat d-dritt ghal kull azzjoni ulterjuri lilha spettanti skond il-ligi.

**B'nota ta' l-1 ta' Frar 1999 l-konvenuti eccepew illi:-**

1. Preliminarjament illi l-Kontrollur tad-Dwana m'huwiex il-legittimu kontradittur ghal din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi fl-azzjoni ma huwa qed jigi attribwit ebda abbuz jew nuqqas lilu.

2. Illi l-pretensjoni fis-sens illi d-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili irrifjuta li jispezzjona l-apparat importat hija nfondata peress illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-apparat x'inhu.

3. Illi tezisti l-impossibilita` legali tat-twettiq ta' dak mitlub fic-citazzjoni u l-causa illecita ta' l-azzjoni u dan billi l-attur ma ghandu ebda licenzja biex izomm l-apparat in kwistjoni fil-pussess tieghu u ghalhekk huwa ma jistax jiehdu fil-pussess tieghu billi jizdoganah.

4. Illi t-talba ghall-hlas tad-danni, anki kif redatta mis-socjeta` attrici stess, ma tinkwadrax ruhha fil-parametri ta' l-Artikolu 469A(5) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u

Procedura Civili u hija wkoll infondata u ghandha tigi respinta.

5. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-agir tal-konvenuti fil-kwistjoni huwa skond il-ligi.

**Is-sentenza appellata.**

Fit-2 ta' Gunju, 2000 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet mit-talbiet attrici billi fi kliem l-istess sentenza "taqta' l-kawza billi tghid illi s-socjeta` attrici ghandha licenzja biex izzomm u thaddem l-apparat imsemmi fic-citazzjoni, u ghalhekk tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut Kontrollur tad Dwana biex ihalli lis-socjeta` attrici tiehu dan l-apparat li jinsab f'idejh, wara li tkun hallset id-dazju relativ jekk ikun il-kaz.

Billi n-nuqqas tal-konvenut Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili biex jaghti l-permess li tinghata l-merkanzija ma kienx gustifikat, u cahhad lis-socjeta` attrici mill-uzu ta' l-apparat, hu ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici minhabba dan in-nuqqas, u ghalhekk il-Qorti tilqa' t-tielet talba safejn maghmula kontra d-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, izda tichadha safejn maghmula kontra l-Kontrollur tad-Dwana."

**Saru diversi appelli minn din is-sentenza u cjoe:**

**A. L-appell tad-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili.**
**B. L-appell tal-Kontrollur tad-Dwana.**
**C. L-appell tal-Maltacom p.l.c. bhala terz interessat.**

**Saret risposta mis-socjeta attrici ghat-tlett appelli msemmija;**

**B'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas 16 ta' April 2004** l-appelli tad-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili , tal-Kontrollur tad-Dwana u tas-socjeta' Maltacom p.l.c. gew dikjarati nulli bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**Kien sar rikors ghar-ritrattazzjoni tad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' April 2004 u b'sentenza tat-8 ta' Frar 2006** dina l-Qorti ordnat li tigi mhassra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' April 2004 a tenur ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 u li l-Appelli imsemmija jigu trattati mill-gdid; spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

Rat l-appelli mis-sentenza tal-Qorti Prim'Awla tat-2 ta' Gunju 2000;

Rat il-verbal tad-19 ta' April 2006 li bih Tabone Computer Centre Ltd esebew dokumenti li juru li l-apparat mertu ta' l-appell gie trasferit minn registru ghal registru iehor u li l-apparat inbiegh flimkien ma' oggetti ohrajn lil certu John Fenech mill-Mosta.

Rat li l-appellanti Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili u Kontrollur tad-Dwana ma ghamlu ebda risposta ghal dan il-verbal;

Rat in-nota tas-socjeta Maltacom p.l.c. tas 7 ta' Lulju 2006 li bih iddikjarat li hi m'ghadx ghandha interess fl-Appell li kienet intavolat fil-kawza fl-ismijiet premessi, in vista tal-liberazzjoni tas-suq wara l-1 ta' Mejju 2004;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw l-appelli;

**Fatti tal-kaz**

Fl-1996 kienet inharget licenzja mid-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili lill-kumpannija appellata biex ikollha "access to international date networks" u b'hekk setghet topera bhala "data networks service provider" taht il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess licenzja. Din il-licenzja nghatat in forza ta' deroga ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta maghmula mill-Prim Ministru. F'dina l-licenzja kien hemm kondizzjoni 3.1.01 li tghid li "the Company's subscribers shall be connected to the Company's facilities in Malta and to international data

networks via the Corporation's telecommunications network". Kondizzjoni ohra kienet 3.1.03 li tghid "The Company may only use the Corporation's infrastructure to provide services which are listed in Section 1".

Meta gie promulgat l-Att XXXIII tal-1997 biex jirregola t-Telekommunikazzjoni l-appellat kien intalab biex jirritorna l-licenzja li kellu billi skond il-ligi hu kellu jottjeni licenzja gdida minghand ir-Regolatur taht l-imsemmi Att biex jagixxi bhala "internet service provider". Il-kumpannija appellata irrifjutat, bhal dawk kollha li rcevew talba simili, billi kkontendiet li l-licenzja li kellha kienet bizzejjed biex topera bhala "internet service provider".

Aktar tard, l-appellata talbet permess biex ikun tista' tircievi l-internet bis-satellita u mhux tramite l-infrastruttura tat-TeleMalta, kif kellha fil-kondizzjonijiet tal-licenzja, izda dina t-talba giet rifjutata. L-appellata kienet talbet ukoll biex tinghata licenzja ghall-apparat tal-VSAT biex tikkonnettja ma "International Service Providers" direttament bis-sattellita pero hi giet mgharrfa li dan ma setax isir.

L-appellata mbaghad gabet licenzja mid-Dipartiment tal-Kummerc biex timporta VSAT minn barra. Ma jidhirx li din gharrfet minn qabel lill-appellant Direttur tat-Telegrafija bla Fili li kien fi hsiebha taghmel dan. F'din il-licenzja kien hemm kondizzjoni li l-apparat ma kienx jigi rilaxxjat jekk mhux wara li jsir it-test mid-Dipartiment tal-Wireless u Telegrafija - "*Not to be released prior to satisfactory results of Inspection/Test by the Department of Wireless Telegraphy*". (fol 17).

L-apparat wasal Malta fil-11 ta' Lulju 1998. Fl-14 ta' Lulju 1998 is-socjeta` attrici talbet li jsir l-ezami msemmi fil-kondizzjoni ghal-licenza. L-appellant, Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, deherlu li ma kellux ghalfejn jaghmel dan l-ezami ghax kien jaf, minn dak li kien jidher fuq id-dokumenti ta' importazzjoni, illi socjeta` appellata ma kellhiex licenza biex izzomm apparat bhal dak. L-ezami ghalhekk ma sarx u billi, fin-nuqqas ta' dak l-ezami, ma setghetx titwettaq il-kondizzjoni fuq il-licenza ta'

importazzjoni ghal “*satisfactory results of Inspection/Test by the Department of Wireless Telegraphy*” is-socjeta` appellata ma thallietx tiehu l-apparat mid-dwana.” Eventwalment, it-taghmir tal-VSAT spicca tqieghed f’depozt u, fil-mori tal-appell, inbiegh lil terzi.

Illi meta l-appellat importa l-apparat hu kien jaf li kien hemm il-kondizzjonijiet 3.1.01 u 3.1.03 li kellu juza l-infrastruttura tat-TeleMalta u li l-permess biex jikkonnettja direttament bis-satellita kien gja gie rifjutat. (ara fol 43,44,47.)

**Sentenza ta’ l-ewwel Qorti**

Dwar il-kwistjoni tal-licenzja tan-1996 li s-socjeta’ appellata kellha, l-ewwel Qorti ddecidiet li, meta gie importat l-apparat, ma kienx necessarju biss li tigi kontrollata l-veracita’ tad-dikjarazzjoni ta’ l-apparat li gie importat li s-socjeta appellata ghamlet {kif kienet qed tippretendi s-socjeta` appellata}, izda kien ukoll necessarju  li tigi kontrollata l-legalita’ tal-pussess u uzu ta’ l-apparat importat skond il-ligijiet vigenti.

Kemm fil-licenzja tal-1996 li kellha l-socjeta’ appellata, kif ukoll fil-licenzja li giet mitluba mir-Regolatur, qatt ma kien hemm awtorizzazzjoni lil xi Internet Service Provider biex ikollu infrastruttura ta’ telekomunikazzjoni li biha seta’ jircievi direttament l-internet minghajr ma jghaddi mill-infrastruttura tal-Maltacom.

L-ewwel Qorti deherilha li ma kienx il-kaz li hija tidhol fil-kwistjoni jekk il-licenzja li kellha s-socjeta appellata kinitx valida jew le ghax din ma kinitx daqshekk rilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Il-Qorti osservat li l-partijiet ma kinux qed jaqblu dwar it-tifsira tal-paragrafi 3.1.01 u 3.1.03. tal-licenzja; izda lill-Qorti rrizultalha li prima facie kien jidher li l-interpretazzjoni tal-appellanti kienet dika tajba fis-sens li skond il-licenzja tas-socjeta` appellata l-connection “to the authorised Provider’s facilities in Malta” kif ukoll dik “to international Internet networks” kellha issir fuq il-linji tal-Maltacom p.l.c. Ghalhekk l-ewwel Qorti ddecidiet li s-socjeta` appellata ma jidhirx li kellha licenzja

li tawtorizzaha biex topera apparat li jkun jista' jircievi l-internet direttament bis-satellita.

Izda imbaghad l-ewwel Qorti sabet li billi ebda ligi u ebda ghemil amministrattiv, bhal ma hu l-ghoti ta' licenzja, m'ghandu jigi mfisser b'mod li ma jaqbilx ma' dak li trid il-ligi fir-rigward tal-harsien ta' drittijiet fondamentali taht id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-kondizzjoni fil-licenzja tas-socjeta appellata ma tistax tiftiehem li tista' jzomm lis-socjeta` appellata milli tinqeda b'link ma' satellita biex tircievi informazzjoni. L-apparat mehtieg biex dak il-link ikun jista' ssir ghalhekk jista' jiddahhal f'Malta mis-socjeta` appellata billi ghandha licenzja li taghtiha s-setgha li tinqeda bih.

**KONTESTAZZJONI**

L-appellanti ma qablux ma' dawn il-konkluzzjonijiet.

Huma jghidu li meta l-ewwel Qorti ddecidiet li ma tidholx fil-kwistjoni dwar jekk is-socjeta` appellata hijiex prezentement qeghda topera abbazi ta' licenzja valida jew le, hi fil-prattika ezentat lis-socjeta` appellata mill-bzonn li turi li hija ghandha verament licenzja valida biex topera bhala ISP. Inoltre l-appellanti jghidu li hemm kontradizzjoni bejn il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens li s-socjeta appellata ghandha licenzja u l-premessa li l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni dwar jekk ghandhiex licenzja valida jew le.

Dwar il-kwistjoni ta' l-applikabilita` ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja l-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti ddecidiet dana l-punt f'linja wahda, bla ma ghamlet l-ezercizzju solitu biex tara jekk kienx hemm il-kondizzjonijiet ghall-ksur ta' dak l-artikolu. Inoltre l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjonijiet teknici li dwarhom hi ma ghamlet ebda perizja teknika. Il-kawza proprjament kienet tirrigwarda kif wiehed jikkomunika ma' l-internet (s-socjeta` appellata hija biss Internet Service Provider) u

mhux dwar id-dritt li wiehed jikkomunika u jircievi informazzjoni bhala tali.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel kull konsiderazzjoni ohra, ghandha tippuntwalizza li x-xenarju fattwali u legali li kien jghodd fis-sistema guridiku taghna fiz-zmien li nghatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti (fl-2000) huwa differenti hafna minn dak prezenti, billi llum dan jinsab sorspassat fil-bicca l-kbira tieghu bis-sahha ta' l-izviluppi li sehhew fis-sistema legali taghna, kif ukoll minhabba l-liberalizzazzjoni tas-suq tat-telekomunikazzjoni u l-qabziet kbar 'il quddiem li ghamel il-qasam ta' l-informatika u tat-teknologija tat-telekomunikazzjoni. Dan il-bdil wassal, per ezempju, biex it-terz appellant irrinunzja ghall-appell tieghu fil-mori ta' dan l-appell.

Illi ghalhekk, meta l-Qorti sejra tqis l-appell, hija sejra zzomm quddiem ghajnejha l-qaghda (legali, fattwali u teknologika) li kienet applikabbli fiz-zmien rilevanti sa ma nghatat is-sentenza appellata, minghajr ma twarrab ghal kollox dawn l-imsemmija zviluppi bhala l-kriterju li bih l-imgiba tal-partijiet u l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti jistghu jitqiesu fid-dawl tal-kambjamenti li sehhew sal-lum.

Fil-kawza appellata saret referenza ghal zewg licenzi: wahda hija dik li nghatat lis-socjeta appellata fl-1996 biex tahdem bhala *service provider* taht koncessjoni specjali moghtija taht il-Kapitolu 250 tal-Ligijiet ta' Malta u li kellha hajja ta' ghaxar snin b'sehh minn April tal-1996; l-ohra hija l-licenza tal-importazzjoni biex hija ddahhal f'Malta t-taghmir tal-VSAT.

Is-socjeta` appellata rabtet il-premessi tac-citazzjoni taghha dwar it-tieni licenza mal-fatt ta' l-ezistenza ta' l-ewwel licenza. Minhabba f'hekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjoni jekk is-socjeta` appellata kelliex u kinitx tibbenefika mill-imsemmija licenza hija kunsiderazzjoni rilevanti, u f'dan l-aspett ma' taqbilx mall-fehma ta' l-

Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li l-ezistenza ta' licenza favur is-socjeta` appellata kienet cirkostanza irrilevanti.

Quddiem l-ewwel Qorti tqajmu zewg kwestjonijiet dwar l-ewwel licenza. L-ewwel kwistjoni kienet dwar it-tifsir tal-kundizzjonijiet taghha. It-tieni wahda kienet dwar jekk l-ewwel licenza spiccatx hekk kif dahal fis-sehh l-Att XXXIII tal-1997.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li s-socjeta` appellata ma kinitx qeghda tinterpreta sewwa l-kundizzjonijiet tal-licenza taghha. Din il-Qorti, fis-sustanza u b'harsien tar-regoli ewlenin ta' l-interpretazzjoni tal-kuntratti, tasal biex taqbel mal-kunsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti dwar l-estent tal-fakultajiet li nghatat is-socjeta` appellata fil-licenza moghtija lilha fl-1996. Is-socjeta` appellata ma tistax f'nifs wiehed tibbaza ruhha fuq il-licenza li kellha u tishaq li ghadha fis-sehh minghajr ma taghti kaz tal-kundizzjonijiet kollha ta' l-istess licenza.

It-tieni kwistjoni kienet dwar jekk l-ewwel licenza spiccatx malli dahal fis-sehh il-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fl-1997. L-Ewwel Qorti sabet li dik il-licenza baqghet fis-sehh ghaliex, ghalkemm is-socjeta` appellata (u *service providers* ohrajn) irrifjutat li taccetta l-licenza l-gdida offerta fl-1997 taht il-ligi l-gdida, il-kundizzjonijiet tal-wahda u tal-ohra baqghu sostanzjalment l-istess.

Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti fejn ikkonsidrat li fattwalment l-appellant Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili baqa' jaccetta minghand is-socjeta appellata (u ohrajn) il-hlas regolari tal-licenza wkoll wara li dahal fis-sehh il-Kap 399. Izda fil-fehma ta' dina l-Qorti, barra dana l-fatt, il-Kap 399 innifsu kien ihares dawk il-licenzi li kienu fis-sehh meta bdiet tghodd il-ligi l-gdida (ara l-art. 43(1) u 43(3) tal-Kap 399 kif inkorporati bl-Att XIX tal-1998 u emendati bl-Att XVIII tal-2000 u qabel ma tnehhew bl-emendi tal-Att VII tal-2004. Dan il-harsien kien b'xi mod accettat mill-awtorita' kompetenti. Ghalhekk, saz-zmien li nghatat is-sentenza appellata, l-ewwel licenza kienet ghadha fis-sehh.

Illi dwar it-tieni licenza, jigifieri dik mahruga lis-socjeta` appellata biex iddahhal f'Malta t-taghmir tal-VSAT, jidher li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li dak li s-socjeta appellata talbet li ggib f'Malta kien dak li fil-fatt ingieb. L-ewwel Qorti ghalhekk iddecidiet li l-ewwel talba kienet saret ghalxejn. Is-socjeta` appellata tghid li kulma kellu jsir, kien li jitqabbel dak li ntalab li jigi importat ma' dak li fil-fatt wasal f'Malta u t-taghmir ikun rilaxxat. Il-posizzjoni ma kinitx daqshekk semplici.

Skond il-ligi, kif kienet fiz-zmien rilevanti (art. 5 tal-Kap 399 qabel ma kien mibdul bl-art. 17 tal-Att VII tal-2004), l-ebda persuna ma setghet tistalla jew thaddem sistema ta' telekomunikazzjoni jew taghti servizz bhal dak f'Malta jekk ma tkunx provditur awtorizzat. Skond it-tifsira moghtija mil-ligi dak iz-zmien fis-sehh, provditur awtorizzat kien dak li kellu licenza valida jew permess li jhaddem sistema ta' telekomunikazzjoni jew li jaghti servizz ta' telekomunikazzjoni. Ghalhekk, oggett bhat-taghmir in kwistjoni, kien jitlob l-awtorizzazzjoni tad-Direttur appellant bhala kundizzjoni biex jigi rilaxxjat. Din id-dispozizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh qabel Marzu tal-1998, jigifieri qabel ma s-socjeta` appellata talbet il-hrug tal-licenza tal-importazzjoni tat-taghmir, u dana s-socjeta` appellata kienet taf bih.

Is-socjeta` appellata tirritjeni li ladarba hija nghatat il-licenza biex iddahhal it-taghmir tal-VSAT f'Malta, dan kien bizzejjed biex tista' tinsisti li tinghata dak it-taghmir. Izda jirrizulta wkoll ukoll li, qabel ma talbet l-imsemmija licenza, s-socjeta` appellata ma gharrfitx lid-Direttur li kien fi hsiebha ggib f'Malta dak it-taghmir. Ghalhekk, id-Direttur ma kienx f'posizzjoni li javza lill-istess socjeta` appellata minn qabel li ma kienx ser jippermettilha ddahhal dak it-taghmir f'Malta, jew li l-licenza li hija kellha dak z-zmien ma kinitx tkopri l-jedd li ddahhal f'Malta t-taghmir in kwestjoni. Meta mbaghad it-taghmir wasal u l-kwalita' tieghu kienet maghrufa, id-Direttur minnufih zamm il-kunsens tieghu ghall-importazzjoni tieghu f'Malta, minkejja li, sadattant, is-socjeta` appellata kienet hallset ukoll d-dazju dovut.

L-appellant isostni li, meta ma marx jispezzjona t-taghmir dan ma ghamlux b'kapricc, imma ghaliex kien jaf mid-dikjarazzjoni li kien hemm fid-dokumenti fiex kien jikkonsisti dak it-taghmir u ghalhekk ma kellux ghalfejn imur jispezzjonah ladarba taghmir bhal dak ma kienx jithalla jidhol f'Malta dak iz-zmien. Ikompli jghid li kulma kien qieghed jaghmel kien li jimxi mal-ligi. Anzi, jilminta li l-Ewwel Qorti issanzjonatu proprju talli mexa mal-ligi.

Din il-Qorti m'hijiex konvinta li l-appellant kien tassew marbut mil-ligi li, taht l-ebda cirkostanza, t-taghmir migjub mis-socjeta` appellata ma kien jista' bl-ebda mod jiddahhal f'Malta. Ma ressaq l-ebda prova li dak iz-zmien ma setax jiddahhal taghmir bhal dak f'Malta. Il-ligi li tahtha jghid li mexa kienet tippermetti d-dhul f'Malta ta' taghmir bhal dak, imbasta min igibu jkun persuna licenzjata. Lanqas ma wera kif u taht liema ligi ppermetta li terzi jdahhlu, jistallaw u jhaddmu taghmir identiku.

Jirrizulta li dak iz-zmien kienu diga qed jinghataw permessi biex issir konnessjoni diretta mas satellita lill certi azjendi ohra, ghalkemm mhux bil-permess li jigu trasmessi data lokalment lill-abbonati taghhom. Mill-provi mressqa, jirrizulta li f'Malta kien hemm entitajiet privati u kummercjali li nghatalhom li juzaw it-thaddim ta' satelliti biex jigbru data minn ghejjun ta' internet internazzjonali. Minbarra dan, jirrizulta li, ghalkemm dawn it-terzi kellhom il-kundizzjoni li ma jaghmlux uzu kummercjali mid-*data* li jnizzlu mill-internet, ma kien hemm l-ebda sura ta' struttura li kienet tassew tiggarantixxi jew tizgura li dan ma jsirx jew li tissorvelja x'seta' kien qed isir.

Ghalkemm bil-ligi d-Direttur igawdi diskrezzjoni fl-ghoti ta' licenzji, r-rifjut tieghu li f'dan il-kaz bl-ebda mod ma jispezzjona l-VSAT migjub f'Malta mis-socjeta` appellata kien agir arbitrarju. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ssib li huwa naqas li jezercita setgha li, bil-ligi, huwa biss kien igawdi. In-nuqqas ta' awtorita' vestita mil-ligi li tuza s-setghat diskrezzjonali taghha jikkostitwixxi abbuz ta' dik is-setgha [De Smith Judicial Review of Administrative Action, (4th Edit.,) Chap 6, pp.298 sa 321] l-izjed meta dik

l-awtorita' tonqos li taghti raguni ghaliex naqset li tezercita setgha bhal dik. Mod iehor jista' jinghad li hu uza d-diskrezzjoni tieghu b'mod irragjonevoli (ukoll fil-qafas tar-regolamentazzjoni fis-sehh f'Malta f'dak iz-zmien rigward it-telekomunikazzjoni elettronika). Nuqqas bhal dan igib mieghu il-konsegwenza ta' "abbuz amministrativ li jehtieg rimedju", kif iddecidiet din il-Qorti diversament kostitwita f'kawza simili ta' rifjut ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni fl-ismijiet ***Whelpdale et noe vs Kontrollur tad-Dwana et*** maqtugha fil-**31 ta' Mejju, 2004.**

Ghalhekk lanqas ma jidher gustifikat l-aggravju tal-appellant Direttur tat-Telegrafija bla Fili meta jghid li l-Ewwel Qorti ikkastigatu talli ghamel id-dover tieghu u segwa l-ligi. Min jirrifjuta li jezercita s-setghat li taghtih il-ligi bil-kemm jista' jghid li mexa mal-ligi.

M'huwiex traskurabbli l-fatt li, llum il-gurnata, dan is-suq gie liberalizzat u t-terz appellant Maltacom iddikjarat li m'ghadx ghandha interess fl-appell li kienet intavolat in vista tal-liberazzjoni tas-suq. Hu accettat il-principju li "restrictions should be minimal with a presumption in favour of free access to information" ( **Kaz Autronic).**

Ghalhekk id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fejn laqghet it-tieni talba tas-socjeta` appellata sejra tigi konfermata. Din il-Qorti pero tirrileva li llum il-gurnata dan t-taghmir impurtat gie rilaxxjat mill-Kontrollur u mibjugh lil terzi u ghalhekk is-sentenza f'dan ir-rigward ftit ghandha valur hlief fejn il-Qorti sejra tirriserva id-drittijiet tas-socjeta` appellata ghal danni li tista' ssofri in vista li t-taghmir gie rilaxxjat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

L-ewwel Qorti ddecidiet fis-sentenza taghha li tilqa' t-tielet talba tas-socjeta` appellata billi n-nuqqas tal-Direttur biex jaghti l-permess li jinghata t-taghmir ma kienx gustifikat, u cahhad lis-socjeta` appellata mill-uzu ta' l-apparat, ghalhekk hu kellu jaghmel tajjeb ghad-danni li sofriet is-socjeta` appellata minhabba dak in-nuqqas. Izda l-ewwel Qorti cahdet dik it-talba safejn maghmula kontra l-

Kontrollur tad-Dwana billi hu ma kienx il-legittimu kontradittur.

Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dina l-kwistjoni u hi tal-fehma li l-Kontrollur ma kienx daqshekk newtrali f'dina l-kwistjoni. Jirrizulta li meta nharget il-licenzja biex jigi mpurtat it-taghmir giet mposta kondizzjoni fiha li l-importatur irid izomm maghha ghax altrimenti l-oggett ma kienx jigi rilaxxjat. Il-Kontrollur ghamel dina l-kondizzjoni fil-licenzja biex it-taghmir jigi testjat minghand tal-Wireless. Il-Kontrollur ma kienx ser jirrilaxxja t-taghmir jekk dan l-apparat ma jigix testjat. Hawnhekk, il-Qorti tirreferi ghax-xhieda moghtija quddiem l-Ewwel Qorti minn Marianne Frendo (fol. 210-221) u minn Lawrence Sammut (fol. 285-6) li turi li l-imsemmija kundizzjoni issir mid-Dipartiment tad-Dwana meta ssir l-applikazzjoni biex oggett jingieb Malta. Id-Dipartiment jinqeda b'kategoriji specifici kif imsemmija fil-Kap 337, u dan billi ssir riferenza partikolari ghal listi ta' klassifikazzjoni tal-oggetti importati maghrufa f'dik il-ligi. Jirrizulta ghalhekk, li l-kundizzjoni tal-ezami tat-taghmir mertu tal-kawza mid-Dipartiment tal-Appellant Direttur tat-Telegrafija Bla Fili saret mid-Dipartiment tad-Dwana.

Effettivament il-Kontrollur tant ma kienx newtrali f'din il-kwistjoni u dan billi kien hu li ssuggetta t-taghmir ghall-kundizzjoni tal-ispezzjoni qabel ir-rilaxx u wkoll ghaliex irrizulta li t-taghmir li kien fil pussess tieghu fil-mori tal-proceduri gie rilaxxjat minnu u nbiegh lil terzi. Ghalhekk jekk kien hemm xi nuqqas f'dan ir-rigward, il-Kontrollur irid jwiegeb ghalih ukoll.

Nigu issa ghal kwistjoni dwar jekk l-appellanti kienux responsabbili ghad-danni. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-appellant Direttur tat-Telegrafija Bla Fili kien responsabbili. L-appellanti invece jirritjenu li mhux kull azzjoni ta' l-awtoritajiet pubblici li tinsab li timmerita revizjoni taghti lok ghal azzjoni ghal danni. Is-sejbien li xi agir ta' l-awtoritajiet ma kienx skond il-ligi jista' jaghti lok ghall-annullament ta' dak l-agir u mhux tabilfors ghall-kundanna ghall-hlas ta' danni.

Il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami s-sejbien ta' l-indhil fic-cahda tal-permess ta' l-importazzjoni lis-socjeta` appellata ma jwassalx awtomatikament ghal dikjarazzjoni li d-Direttur u l-Kontrollur kienu passibbli ghad-danni. Dan fil-fatt hu konfermat mill-artikolu 469(A)(5) tal-Kap 12 li jipprovvdi li:

(5) *F'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata ta' l-awtorità pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra.*

Huwa minnu li jinsab stabilit mill-Qrati Maltin li, f'dak li ghandu x'jaqsam mar-responsabbilta' ghad-danni, japplikaw fil-konfront tal-Gvern l-istess regoli tal-Kodici Civili dwar id-delitti u l-kwazi-delitti kif dawn japplikaw ghall-persuni privati (**Appell Civili 28 ta' Frar, 2001,** fil-kawza fl-ismijiet ***Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xoghlijiet***). Fost dawn ir-regoli, wiehed isib dik stabilita fl-artikolu 1030 li jghid li kull min jaghmel uzu minn jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu. Izda, skond l-artikolu 1031 tal-istess Kodici, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu. Fost l-ohrajn, jitqies fil-htija min f'ghemilu ma juzax il-prudenza, id-dilgenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja [artikolu 1032(1)]. Principju iehor huwa li kull min, bil-hsieb jew minghajr il-hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk [art. 1034].

Fil-kaz in ezami dina l-Qorti sabet li d-Direttur bir-rifjut tieghu li bl-ebda mod ma jispezzjona t-taghmir kien ha decizjoni li ghalkemm kienet a bazi tal-ligi, billi kienet fid-diskrezzjoni tieghu, izda fic-cirkostanzi l-agir tieghu kien

arbitrarju u li hu uza d-diskrezzjoni tieghu b’mod irragjonevoli. Dan l-agir pero` ma jaghtix dritt awtomatiku ghal danni aktar u aktar meta fil-kaz in ezami s-socjeta` appellata kienet taf u giet infurmata li meta qabdet u importat t-taghmir il-ligi kienet tirrikjedi l-kunsens ta’ Direttur ta’ Telegrafija minghajr Fili. Dina l-awtorizzazzjoni ma kienitx se tinghatalha awtomatikament ghax kellha licenza ta’ importazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li fl-ewwel lok is-socjeta` appellata ikkontribwiet ghal dak li hija llum tghid li ikkawzalha d-danni, billi ma qaghditx ghal dak li kienet tippreskrivi l-ligi u naqset li timxi fedelment mieghu. Ghalhekk is-socjeta appellata m’ghandhiex tibbenefika mill-agir taghha biex titlob id-danni. Fit-tieni lok, izda, hemm ukoll ic-cirkostanza li, bis-sahha ta’ l-istess ligi li kienet fis-sehh fiz-zmien rilevanti, l-azzjoni amministrativa li riedet is-socjeta` appellata setghet legalment u ragonevolment giet michuda mill-appellant li kieku ghazel li jezercita d-diskrezzjoni tieghu u jezamina t-taghmir importat mis-socjeta` appellata. Din ic-cirkostanza hija wahda mill-kontingenzi espressi mahsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala raguni li zzomm lill-Qorti milli taghti d-danni minkejja li tkun iccensurat jew hassret ghemil amminstrattiv. Art 469A(5).

In vista ta’ dina l-konkluzzjoni t-tielet talba ma tistax tigi milqugha u konsegwentement l-appell dwar dan l-aggravju sejjer jigi milqugh u s-sentenza fuq dina t-talba sejra tigi revokata.

Fl-ahharnett dwar il-kontestazzjoni ta’ l-appellanti li l-ewwel Qorti marret oltre dak li gie mitlub minna cjoe` li ddecidiet “extra petita”, il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti billi dak li jilmintaw minnu l-appellanti kien inkluz fit-termini tat-tieni talba attrici fis-sens li s-socjeta` appellata kienet talbet li jigi rilaxxjat l-apparat billi hi kellha dritt timportah u tuzah skond il-ligi u skond il-licenzja fil-pussess taghha. Ghalhekk, il-konsiderazzjonijiet maghmulin mill-Ewwel Qorti kienu jaqghu sewwa fil-parametri tat-tieni talba kif maghmula u ma jistax jinghad illi, kif forsi wiehed seta’ jinghata x’jifhem mid-dicitura tas-sentenza appellata, dawn tnisslu biss mit-terminologija

generika ta' "dikjarazzjonijiet necessarji" u ta' "provvedimenti opportuni" stampati fuq l-Att tac-Citazzjoni.

Dan l-aggravju wkoll ma jirrizultax wiehed fondat u m'ghanudx jintlaqa'.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-appell
Billi tikkonferma s-sentenza appellata f''dika l-parti fejn Qorti ddikjarat li l-ewwel talba kienet saret ghalxejn; bl-ispejjez ta' l-ewwel istanza u ta' l-Appell ghas-socjeta appellata;
Tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn laqghet it-tieni talba u kkundannat lill- Kontrollur tal-Dwana sabiex jirrilaxxja l-apparat imsemmi lis-socjeta` appellata, imma, stante li fil-mori tal-kawza jirrizulta li l-apparat gie rilaxxjat u mibjugh mill-Kontrollur lill terzi, tirriserva favur l-appellata kull dritt spettanti lilha ghad-danni li setghet sofriet minhabba f''hekk; Tiddeciedi li l-Kontrollur tad-Dwana huwa wkoll il-legittimu kontradittur tal-pretensjonijiet tas-socjeta` appellata;
Spejjez ta' l-ewwel u t-tieni istanza ghall-appellanti;
Tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu laqghet it-tielet talba;
Spejjez ghas-socejta appellata;
L-ispejjez konnessi mal-kawza ghar-ritrattazzjoni fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------